MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 135/2005

**Maltacom p.l.c. - (C 22334)**

**vs**

**Doreen Boyianzis – I D 319659M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2,752.22) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuta in konnessjoni mas-servizzi telefonici in kwantu ghal Lm893.85 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21445953, in kwantu ghal Lm364.11 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21496804 u in kwantu ghal Lm1,494.26 fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21493976 [skond kif jirrizulta mill-anness Dok A, Dok. B, Dok. C, Dok. D, Dok. E, Dok. F u Dok. G] liema servizzi gew installati fil-fond 'Tamara' Cappadocia Street, Qormi u l-iehor fil-fond Sun

Care Club Shop, Triq Cappadocia, Qormi, rispettivament u dan kif jirrizulta mill-anness Dok H, Dok. I u Dok. J.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezentata ta' l-Avviz ghas-smiegh u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-12 ta' April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------